**SWIEQI LOCAL COUNCIL**

**LAQGĦA KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-MADLIENA LI SARET NHAR IT-TLIETA 8 TA' MARZU 2011 FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| **M.A.** | **MARYANNE ABELA** | **VIĊI CHAIRPERSON** |
| **W.F.** | **WALLACE FARRUGIA** | **MEMBRU** |
| **A.C.** | **ALEX CHETCUTI** | **MEMBRU** |
| **A.P.** | **ANNA PARIS** | **MEMBRU** |
| **C.S.** | **CARMEN SAID** | **SINDKU** |

**SKUŻATI:**

| | | |
|---|---|---|
| **F.S.** | **FRANK SALT** | **CHAIRPERSON** |

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1. Il-minuti tas-Seduta numru 8 ġew approvati.
M.A ipproponiet u W.F issekonda.

**HUGH ZAMMIT**
**EXECUTIVE SECRETARY**

**FRANK SALT**
**CHAIRPERSON**

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI

1 M.A. ippreżentat kwotazzjoni ta' paġna waħda li tkun elenkata mall-website tal-Kunsill. Din il-kwotazzjoni hija ta' €450 + it-tariffa għall-manteniment ta' kull Sena. Il-Kumitat irrimarka li din hija wisq għolja għaldaqstant is-Segretarju ħa l-inkarigu li jiddiskuti mad-dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar il-possibilta' li tintuża parti mill-website imwaqqfa mid-dipartiment tal-Gvern għall-Kunsilli Lokali.

2 M.A. infurmat ukoll li hi ħadet l-inkarigu li tikkreja grupp fuq il-facebook. Ir-residenti ikunu jistgħu jirrimarkaw il-bżonnijiet tagħhom fuq din il-pagna.

3 M.A. irrapurtat li kellha kuntatt mas-Sinjura Maureen Caruana mill-Kumitat Amministrattiv tal-Baħar ic-Cagħaq dwar il-possibilta' li jsiru korsijiet tal-Kompjuter bejn Baħar ic-Cagħaq u l-Madliena. Wara diskuzzjoni il-Kumitat qabel li jistgħu jsiru korsijiet pero' mhux tal-kompjuter.

4 A.P. kellha kuntatt mall-Kapillan Tony Agius dwar il-ftuħ u l-operat tal-Kappella tal-Madliena. Il-Kappillan informa li quddies ta' kull ġimgħa ikun diffiċli minħabba nuqqas ta' saċerdoti pero' din tkun tista tintuża għall-eżerċizzi u diskusjonijiet basta mhux ta' spiss.

5 A.P. infurmat ukoll li kellha kuntatti mas-Sinjura Carmelina li offriet volontarjament it-tindif tal-Kappella. A.P. ħadet l-inkarigu li tistaqsi lill-Kapillan għaċ-ċwievet tal-Kappella.

6 W.F. staqsa dwar il-ħajt perikoluż ta' Villa f' Madliena Road. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu diġa tkellem u bagħat email lill-Ispettur tad-distrett pero' din il-materja terġa tiġi diskussa waqt iż-żjara ta' kull xahar li ssir mill-Ispettur u s-Supretendent tad-distrett.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **FRANK SALT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **CHAIRPERSON** |

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI (jkompli………………..)

*7* W.F. informa lir-residenti li joqgħodu f' Madliena Road "Villa Remigio" qed jitolbu li ssir bankina quddiem ir-residenza tagħhom. W.F. informa li jekk din il-bankina ma ssirx se tidjieq t-triq b'konsegwenza li din il-parti tiġi *single lane*. Il-Kumitat qabel li ma ssir bankina pero' isiru *traffic claming measures "traffic calmer"* fil-viċinanza.

**<u>Triq il-Bir</u>**

8 Il-kumitat ġie nfurmat li x-xogħlijiet ta' tarmac fi Triq il-Bir ser jibdew dalwaqt pero' dawn it-tamak ser issir mis-siġra tal-ħarrub l-isfel. Il-parti ta' fuq titlesta meta jiġu approvati pjanti ġodda mill-MEPA. Il-parti ta' fuq ġiet miżmuma mir-residenti peress li dawn ma qablux kif din kienet ġejja. Il-kumitat qabel li jsiru pjanti ġodda mill-Perit u jiġu ssottometti l-ewwel lil Transport Malta u lill-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jitkellem mas-Sur Ian Zammit rappreżentant tar-residenti f' dik it-Triq.

9 W.F. staqsa dwar il-possibilta' li jsir intervent mall-foreman tal-Gvern mid-distrett sabiex jitħaffef il-proċess ta' bankini ġodda li ser isiru fil-Madliena.

10 W.F. irraporta li diversi residenti qed jilmentaw dwar il-ħsarat li qed isiru fil-faċċata u fl-għatba ta' l-irħam fil-villel tagħhom mill-Kuntrattur Schembri Infrastructure li qed jagħmel it-tarmac fit-toroq tal-Madliena. Dawn infurmaw li kemm il darba tkellmu mall-kuntrattur dwar il-kumpens pero' dan għalkemm aċċetta qatt ma ħallas. Il-Kumitat ideċieda li mill-pagament li jmiss għandhom jinżammu is-somma ta' €7000.00. Dawn jitħallsu meta jiġu solvuti il-problemi kollha mar-residenti.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 u sar aġġornament għal Hamis 7 ta' Arpil 2011.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **FRANK SALT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **CHAIRPERSON** |